# Kulleġġ San Tumas More

**Skejjel Primarji**

**Eżami ta' Nofs is-Sena**

## MALTI (Kitba)

**Is-Sitt Sena** **Frar 2015** **Ħin: 60 minuta**

**Isem:** ________________________________

**Klassi:**________________________________ **Total ta' marki:**

## A. Il-kitba ta' Deskrizzjoni (10 marki)

Int mitlub tiddeskrivi.

Id-deskrizzjoni tiegħek trid tkun **bejn 50 u 60 kelma**.

**Agħżel** bejn numru 1 u numru 2.





**1. Iddeskrivi persuna mill-familja tiegħek li għandha karattru ċajtier u tħobb iddaħħak.**

*jew*

**2. Iddeskrivi karattru li tħobb tara fuq it-televixin għax tgħidx kemm idaħħkek/iddaħħkek**

**Fil-linji t'hawn taħt ikteb id-deskrizzjoni.**

Dawn il-mistoqsijiet qegħdin biex jgħinuk tikteb id-deskrizzjoni.

a) Min hi dil-persuna?

b) X'jogħġbok fil-karattru tiegħu/tagħha?

c) Għaliex iddaħħkek?

d) Kif tħossok meta taraha?

# B. Il-kitba ta' rakkont **(20 marka)**

Agħżel **waħda** minn dawn ir-rakkonti:

**"Kull meta niftakar fil-bawxata li għaddejt minnha ħalqi jerġa' jiċċarrat bid-daħk!"**

***jew***

**Ċajta goffa**

| | |
|---|---|
| **A.**<br> | **"Kull meta niftakar fil-bawxata li għaddejt minnha ħalqi jerġa' jiċċarrat bid-daħk!"**<br>*Jekk tagħżel dan ir-rakkont, dawn l-ideat jistgħu jgħinuk fil-kitba tal-istorja:*<br>*Tista' tikteb meta seħħet din il-bawxata u l-post fejn seħħet. Jekk kienx hemm persuni oħra involuti. Kien hemm konsegwenzi ta' din il-farsa? Għaliex meta tiftakar fiha terġa' tinfaqa' tidħak?* |

***jew***

| | |
|---|---|
| **B.**<br> | **Ċajta Goffa**<br>*Jekk tagħżel dan ir-rakkont, dawn l-ideat jistgħu jgħinuk fil-kitba tal-istorja:*<br>*Tista' tikteb min ippjana ċ-ċajta u min kien il-vittma ta' din iċ-ċajta. Tista' tiddeskrivi l-post fejn seħħet u jekk kienx hemm persuni oħra involuti. Kien hemm konsegwenzi ta' din iċ-ċajta goffa?* |

Fuq paġna 5 ikteb il-pjan tar-rakkont magħżul minnek.

## 1. Il-pjan tar-rakkont

(4 marki)

Ikteb il-pjan tar-rakkont magħżul minnek.

Rakkont ______ (Ikteb A *jew* B)

## 2. Il-kitba tar-rakkont li għażilt

(16-il marka)

Uża l-pjan tiegħek sabiex tikteb ir-rakkont magħżul minnek. Ir-rakkont irid ikun **bejn 140 u 200 kelma.**

Rakkont ______ (Ikteb A *jew* B)

**TMIEM IL-KARTA**